DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1886

tas-7 ta' Novembru 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2010/346/UE dwar ir-reġjonalizzazzjoni tar-Rumanija għall-applikazzjoni tal-miżuri protettivi fir-rigward tal-anemija infettiva taż-żwiemel

(notifikata bid-dokument CC(2019) 7873)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) L-anemija infettiva taż-żwiemel ("EIA") hija marda virali li taffettwa biss lill-annimali tal-familja *Equidae*. Il-perjodu ta' inkubazzjoni normalment ikun bejn ġimgħa u tliet ġimgħat, iżda jista' jkun twil sa tliet xhur. L-*Equidae* infettati jibqgħu infettati għal dejjem u jistgħu potenzjalment jittrażmettu l-infezzjoni lil *equidae* oħrajn. L-infezzjoni bl-EIA għandha tendenza li ma tidhirx jekk il-mewt ma tirriżultax minn wieħed mill-attakki kliniċi akuti waqt il-viremija, u b'hekk il-probabbiltà ta' trażmissjoni tikber b'mod sostanzjali. It-trażmissjoni lokali sseħħ bi trasferiment tad-demm minn annimal ekwin infettat permezz ta' tmigħ interrott ta' xidjiet li jerdgħu d-demm, u *in utero* lill-fetu. Il-mezz ewlieni tat-tixrid fuq distanza kbira tal-marda huwa l-moviment tal-annimali infettati, is-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom, u l-użu ta' siringi kontaminati jew l-infużjoni ta' prodotti ta' demm li fihom il-virus.

(2) L-EIA hija marda notifikabbli b'mod obbligatorju skont l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE ([2]). Barra minn hekk, id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE ([3]) tistipula li t-tifqigħat ta' EIA għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra permezz tas-Sistema ta' Notifika tal-Mard tal-Annimali ("ADNS").

(3) Kuntrarjament għas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fi Stati Membri oħra, l-EIA hija endemika f'ċerti partijiet tar-Rumanija u l-programm ta' eradikazzjoni nazzjonali għadu ma tlestiex. Għal din ir-raġuni, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/346/UE ([4]) tipprevedi miżuri protettivi fir-rigward tal-anemija infettiva taż-żwiemel fir-Rumanija.

(4) Madankollu, fil-laqgħa ta' Ġunju 2019 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, l-awtoritajiet kompetenti tar-Rumanija ppreżentaw rapport tas-sitwazzjoni lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni li wera li sar progress b'mod ġenerali fl-eradikazzjoni tal-marda u li ċerti partijiet tar-Rumanija baqgħu ħielsa mill-marda għal aktar minn 12-il xahar jew il-prevalenza tal-marda baqgħet fil-limiti osservati reġjonalment fi Stati Membri oħra. Għalhekk, jixraq li tiġi ddefinita l-parti tat-territorju tar-Rumanija li fir-rigward tagħha għandhom jiġu applikati l-miżuri protettivi stipulati fid-Deċiżjoni 2010/346/UE.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2010/346/UE jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2010/346/UE huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/346/UE tat-18 ta' Ġunju 2010 dwar miżuri protettivi fir-rigward tal-anemija infettiva taż-żwiemel fir-Rumanija (ĠU L 155, 22.6.2010, p. 48).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Reġjuni kif imsemmija fl-Artikolu 1(1)(e):

Stat Membru	**Reġjun**	**Kumment**
Ir-Rumanija	Bihor	
	Satu Mare	
	Maramureș	
	Bistrița-Năsăud	
	Sălaj	
	Cluj	
	Mureș	
	Harghita	
	Alba	
	Sibiu	
	Brașov	
	Hunedora	
	Caraș-Severin	
	Gorj	
	Vâlcea	
	Tulcea"	